Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 21 ta' Jannar 2025**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Versus**

**Carmel D'Amato (878654M)**
**Joseph Camilleri (577258M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Carmel D'Amato**, detentur tal-karta tal-identita' numru 878654M,

u kontra **Joseph Camilleri**, detentur tal-karta tal-identita' numru 577258M.

Akkuzati talli nhar it-28 ta' Gunju 2013 u gimghat ta' qabel gewwa taz-Zebbuga l/o Zurrieq fl-istess zminijiet u cirkostanzi f'diversi atti maghmula minnhom li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi :

1. Bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jipretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita' taghhom infushom, lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew hallew bini jew kissru l-mixi tal-ilma jew hadu l-ilma dik jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor.

Rat id-dokumenti kollha prezentati fl-atti processwali.

Rat u semghat ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fit-28 ta' Novembru 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet WPS22 Lara Butters li qalet illi fis-7 ta' Lulju 2013, kienu ircevew kwerela minghand Dr. Joseph Zammit, fejn kiteb ghan-nom tal-konjugi Carmela u Mario Spiteri li huma proprjetarji ta' porzjon art formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala Taz-Zebbuga limiti taz-Zurrieq, illi certu Carmel D'Amato kien qieghed abbuzivament jghaddi mill-ghalqa taghhom minghajr ma kellu ebda dritt ta' passagg u ghalkemm gie avzat biex jiddezisti b'dan l-agir, hu sahansitra kien ghadda bil-mutur tal-hart fuq l-art il-mizrugha ta' Spiteri u kien qieghed jghaffeg il-prodott taghha minkejja li hu ghandu bieb ghalih. Is-sinjuri Spiteri kienu marru ukoll l-ghassa fejn talbu sabiex jittiehdu proceduri ukoll fil-konfront ta' Joseph Camilleri li ukoll kien qieghed jghaddi mill-imsemmi passagg. Ix-xhud kompliet tghid illi meta tkellmet ma' Carmel D'Amato, huwa qal illi hu kellu d-dritt ta' passagg minn gewwa dan l-isqaq u minnu kienu jghaddu hafna nies. Tkellmet ukoll ma' Joseph Camilleri li wkoll qal illi hu kellu d-dritt ta' passagg permezz ta' kuntratt datat 21/08/1958.

Illi fil-25 ta' Gunju 2019, xehdet il-Perit Elena Borg Costanzi fejn ipprezentat ir-rapport taghha mmarkat Dok EBC1. Il-Perit kienet semghet ix-xhieda ta' Mario Spiteri u martu Carmela Spiteri li huma s-sidien ta' nofs tomna, fejn irrizulta illi Carmela Spiteri tmur spiss l-ghalqa filwaqt li Mario Spiteri jmur meta jkollha bzonnu. Dakinhar li D'Amato u Camilleri marru biex jghaddu kien hemm u kienu gew fl-idejn. Mario Spiteri qal illi ma jafx li kien hemm dritt ta' passagg ghal-ghalqa li tinsab ghola minn taghhom u meta xtraw fl-2006 fil-fethiet li jidhru fir-ritratti MS7 u MS8, ma kienx hemm rampa. Rokku Camilleri xehed illi kien jghaddi mill-ghalqa ta' Spiteri ghal-ghalqa tieghu li qieghda f'livell aktar baxx mir-rampa mfassla bil-gebel. Carmel D'Amato xehed illi hu flimkien ma' nies ohra kienu jghaddu ghall-ghalqa taghhom tramite rampa li jidher fir-ritratt MS8 li kien qalaghha Spiteri. Minflok il-gebel kien hemm rampa illi minnu setghu jghaddu bil-mutur tal-hart. Manwel Camilleri kkonferma illi sabiex jitla' fl-ghalqa tieghu kien jghaddi mir-rampa u din giet imnehhija u minflokha kien hemm gebel u b'hekk seta' jitla' biss bir-rigel. Edwin Camilleri xehed illi hu flimkien ma' hutu kienu sidien tal-ghalqa li

nbieghat lil Spiteri bil-kuntratt MS5 u li kien hemm zewg moghdijiet, wahda biex jitilghu n-nies ta' fuq, li kienet ilha hemm minn dejjem u l-ohra li saret meta nqasmet l-ghalqa tan-nannu taghhom, sabiex jidhlu z-zijiet, ghax inkella ma kellhomx minn fejn jidhlu. Hu kien jahdem l-ghalqa, ghax madwar ghaxar snin qabel ma sar il-kuntratt hu dejjem jiftakar ir-rampa u l-fetha, ghalkemm il-fetha kienet idjaq milli tidher fir-ritratt. Hu qal illi hu u hutu kienu qalu lin-nutar dwar il-moghdijiet sabiex jitnizzlu fil-kuntratt. In-Nutar Fiona Galea Farrugia tghid illi hi nizzlet il-klawsola numru 4 fil-kuntratt fuq li jkunu qalulha l-partijiet u ma tiftakarx illi kien hemm passagg.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2019 gie estiz l-inkarigu tal-Perit sabiex taghmel il-konkluzjonijiet taghha, liema rapport gie pprezentat fil-21 ta' Jannar 2020 u gie immarkat bhala Dok EBC2. Illi l-konkluzjoni teknika kienet illi l-passagg kien jezisti fiz-zmien ta' meta saru l-akkuzi, u kien bejn iz-zewg porzjonijiet ta' ghelieqi taz-zewg akkuzati. L-ghelieqi kienu dizlivellati u ghalhekk ir-rampa kienet bzonnjuza sabiex jaccedu ghall-ghelieqi, specjalment bl-ingenji, peress illi l-ghelieqi kienu jinhadmu. Ma kienx hemm kontestazzjoni illi kien hemm fetha fil-hajt divizorju, izda l-kontestazzjoni kienet dwar il-kobor tar-rampa li kienet mfassla bil-gebel.

Illi fl-24 ta' Jannar 2023 regghet xehdet il-Perit Borg Constanzi, fejn b'referenza ghar-rapport datat 21/01/2020 immarkat Dok EBS2 u ghal konkluzjoni tar-rapport, hi kkonfermat illi r-ritratti mmarkati MS11 sa MS13 kienu mehudin waqt l-access u ma rrizultalhiex li r-rampa kienet hemm dakinhar ta' l-akkuza. Dwar id-dritt tal-passagg li kellhom D'Amato u Camilleri, huma kienu semmew il-kuntratt imma ma kienux ipproducewhom. Irrizulta illi D'Amato u ohrajn kienu jghaddu minn fuq l-ghalqa.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati huma akkuzati li kienu jghaddu mill-ghalqa tal-kwerelanti minghajr ma kellhom dritt tal-passagg. Din il-kawza hija marbuta ma' kawza ohra fejn l-imputati f'din il-kawza, ghamlu kwerela fil-konfront ta' Spiteri li tnehhiet ir-rampa li minnha kellhom dritt li jghaddu. Il-Perit Borg Costanzi giet appuntata mill-Qorti diversament ippreseduta biex tisma' x-xhieda u taghti l-konkluzjonijiet taghha. Mix-xhieda li nstemghu u mill-konkluzjonijiet teknici tal-Perit jirrizulta illi fil-fatt kien hemm rampa li kienet ilha tintuza ghal hafna zmien, ferm qabel ma xtraw l-

ghalqa l-partijiet Spiteri, li huma l-kwerelanti f'din il-kawza. Ghalkemm fil-kuntratt ta' l-akkwist ma kien imsemmi ebda dritt ta' passagg, Edwin Camilleri li kien wiehed mill-ahwa li kienu bieghu l-art lil Spiteri, ddikjara li r-rampa kienet hemm u jiftakar ukoll lil ommu ssemmieha. Waqt il-bejgh tal-ghalqa huma kienu nfurmaw lin-Nutar dwar il-moghdijiet. Ghalhekk l-imputati fil-fatt kellhom id-dritt tal-passagg li kien jirrizulta kemm mill-provi kif ukoll mill-kuntratt tad-divizjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, hija konvinta illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputati ma tirrizultax.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tiddikjara lill-imputati **mhux hatja** ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tilliberahom minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**